MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tas-27 ta' April, 2012

Appell Civili Numru. 4/2009/1

**John Camilleri flimkien ma' Mark u Margaret konjuġi Buttigieg**

**v.**

**Victor u Cynthia Hili**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

<u>L-Appell tal-konvenuti:</u>
Il-konvenuti Victor u Cynthia Hili fil-15 ta' Mejju 2009 intavolaw appell li permezz tiegħu talbu lil din il-Qorti

tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali fit-28 ta' April 2009, tilqa' l-eċċezzjonijiet tagħhom u tiċħad it-talbiet attriċi. Fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2012 din il-Qorti pero` osservat li l-kawtela tal-appell tal-konvenuti appellanti baqgħet ma ġietx depożitata u għalhekk iddikjarat l-appell tagħhom bħala deżert.

L-Appell inċidentali tal-atturi:
L-atturi John Camilleri u l-konjuġi Mark u Margaret Buttigieg flimkien mar-risposta tal-appell tagħhom tat-23 ta' Lulju 2009 kienu intavolaw appell inċidentali li permezz tiegħu talbu lil din il-Qorti tbiddel is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali fit-28 ta' April 2009, fis-sens li tvarja l-bilanċ tal-prezz li għadu dovut minnhom lill-konvenuti appellanti u dan billi titnaqqas is-somma ta' €5,147.91 mill-ammont ta' €60,563.70 li skont l-ewwel Qorti għadu dovut minnhom lill-konvenuti appellanti u b'hekk tikkundanna lill-konvenuti appellanti jħallsu s-somma ta' €65,711.61 lill-atturi appellati, filwaqt li tikkonferma l-bqija tas-sentenza appellata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi a karigu tal-konvenuti appellanti. [1]

Id-deċiżjoni ta' din il-Qorti għalhekk tirrigwarda biss l-appell inċidentali tal-atturi appellati.

Għal intendiment aħjar ta' dan l-appell inċidentali s-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti qegħdha tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

"Il-Qorti;

"Permezz ta' rikors guramentat prezentat fit-12 ta' Jannar 2009 l-atturi talbu li l-konvenuti jigu kundannati jersqu ghall-pubblikazzjoni tal-att finali tal-immobbli deskritt fil-konvenju tas-26 ta' Jannar 2004 bil-prezz, pattijiet u kundizzjonijiet kollha pattwiti u maqbula fil-konvenju u ghalhekk tiffissa jum, lok u hin ghall-pubblikazzjoni ta' l-att

[1] Ara rikors għal korrezzjoni datat 01.12.2011.

ta' bejgh, tinnomina nutar pubbliku ghall-pubblikazzjoni ta' l-att u kuraturi ghall-eventwali kontumaci. Permezz ta' l-imsemmi konvenju l-konvenuti obbligaw ruhhom li jbieghu lill-atturi li obbligaw ruhhom li jixtru u jakkwistaw kwota ta' nofs lil John Camilleri u nofs lill-konjugi Buttigieg ta' parti diviza mid-dar bla numru jisimha Cinvic House, Triq tas-Sajd, Nadur, Ghawdex li ghandha kejl ta' erbgha mija u hamsa u tmenin metru kwadri (485mk).

"Permezz ta' risposta guramentata prezentata fis-16 ta' Frar 2009 (fol. 26) il-konvenuti eccepew[2]:-

1. "Il-konvenju hu suggett kundizzjonijiet sospensivi li ma dahlux fis-sehh. Ghalhekk it-twettiq tal-obbligazzjoni principali tiddependi fuq is-sehh taghhom (Artikolu 1063[2] tal-Kodici Civili). Ghalhekk il-konvenuti ghad m'ghandhomx obbligu li jersqu ghall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni principali taht il-kundizzjonijiet miftiehma. Ghalhekk il-kawza hi intempestiva.

2. "Il-konvenju kien soggett ghal dawn il-kondizzjonijiet:-
a. "L-immobbli hu kopert bil-permessi validi tal-bini.
b. "L-att finali jigi pubblikat mhux iktar tard minn xahar minn meta johrog il-permess illi bih jigi sanctioned il-garaxx ezistenti.
Il-permess PA4823/04 ghadu pendenti quddiem il-Bord tal-Appelli dwar l-Ippjanar (Appell numru: 333/2005) minn decizjoni ta' rifjut. Ghalhekk il-qorti trid tistabilixxi meta tista' tkun certa illi l-avveniment li ghalih hu soggett il-konvenju jkun jew ma jkunx issucceda skond it-termini miftiehma. Hu f'dak il-mument li jista' jitqies li t-terminu tal-konvenju mmatura ruhu, u l-kuntratt ikun jista' jitqies li jista' jsir jew ma jsirx skond ma kienet il-volonta' tal-partijiet.

3. "Fil-meritu t-talba ta' l-atturi m'hijiex gustifikata u ghalhekk ghandha tigi michuda.

[2] Fol. 26.

“Din il-kawza hi semplici. L-atturi qeghdin jitolbu li l-konvenuti jigu kundannati jersqu ghall-pubblikazzjoni ta’ kuntratt ta’ bejgh ta’ parti diviza mid-dar bla numru jisimha Cinvic House, Triq tas-Sajd, Nadur, Ghawdex li ghandha kejl ta’ erbgha mija u hamsa u tmenin metru kwadri (485mk) u konfinanti mit-tramuntana in parti mat-triq u in parti mal-kumplament tal-istess dar proprjeta’ tal-konvenuti, punent ma’ beni ta’ Guzepp Azzopardi u lvant in parti ma’ beni ohra tal-vendituri u in parti ma’ beni ta’ Lino Camilleri ghall-prezz ta’ mija u erbgha u sebghin elf sebgha mija u tlett ewro (€174,703). M’huwiex kontestat li:-

(a) “Fit-12 ta’ April 2004 saret estensjoni tal-konvenju fejn il-partijiet ftehemu li l-atti finali jsir ***“mhux aktar tard minn xahar minn meta johrog il-permess illi bih jigi sanctioned il-garage ezistenti.”*** (fol. 7).
(b) “Fit-22 ta’ Dicembru 2008 l-atturi pprezentaw ittra ufficjali kontra l-konvenuti li biha interpellawhom sabiex jersqu ghall-att ta’ bejgh tal-proprjeta’ meritu ta’ din il-kawza.
(c) “Saru benefikati fl-art li m’humiex koperti minn permess tal-bini. Hemm appell pendenti quddiem il-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar.
(d) “Sal-lum l-atturi hallsu lill-konvenuti s-somma ta’ €104,821.80.
(e) “Hemm somma ohra ta’ €9,317.49 li l-partijiet ftehemu li tinqata’ mill-prezz (ara xhieda ta’ Victor Hili fis-seduta tat-13 ta’ Marzu 2009 – fol 60). Dan l-ammont ser jigi mnaqqas mill-bilanc tal-prezz li ghadu dovut lill-konvenuti.

“Min-naha tal-konvenuti qeghdin jippretendu li gialadarba l-permess ghadu ma harigx, m’ghandhom l-ebda obbligu li jersqu ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt. Ghalkemm il-benefikati li saru fuq l-art m’humiex koperti minn permess, ma jfissirx li l-konvenju hu null minhabba illecita’ ta’ l-oggett (ara f’dan il-kuntest sentenza ta’ din il-qorti fil-kawza **Lawrence Meilak vs Raymond Galea et** deciza fit-2 ta’ Mejju 2008).

"Il-*vinculum juris* jitnissel mill-konvenju. Kif jigi ffirmat konvenju soggettt ghal kondizzjoni sospensiva, il-kompratur jakkwista l-isperanaza ta' dritt. Li ma jistax jifhem il-konvenut, minkejja wkoll l-isforzi li ghamel id-difensur tieghu fil-kors tas-smiegh tal-kawza, hu li kundizzjoni simili ssir favur tal-kompratur li ghandu kull jedd li meta jrid jirrinunzja ghal dan il-beneficcju (ara sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fil-kawza **John Vella et vs Maria Regina Farrugia et** deciza fid-9 ta' Ottubru 2001). Il-hrug ta' permess hu event incert, u ghalhekk ma hemmx dubju li hemm sospensjoni ta' obbligazzjoni. Fis-seduta tal-4 ta' Marzu 2009 l-attur Mark Buttigieg iddikjara: *"Jiena nikkonferma wkoll illi ahna qeghdin niehdu r-responsabbilta' u disposti nehduha, mhux biss biex naraw jirnexxilniex jinhareg il-permess, imma wkoll fuq il-bini ezistenti illi hemm li ahna nafu li ma huwiex kopert bil-permess tal-bini. Ghal darb'ohra ghalhekk qieghed nikkonferma illi ahna qeghdin naccettaw illi nixtru l-proprjeta' kif inhi minghajr permes tal-bini..... Ghalhekk qieghed nikkonferma illi ha niehdu hsieb ahna b'responsabbilta' assoluta taghna illi kemm naraw x'naghmlu biex jigi sanzjonat il-bini illi ttella' fuq dan is-sit u li nafu li ma huwiex kopert bil-permess, kif ukoll jekk ahna rridu nkomplu nizviluppaw is-site. Dawn huma kollha affarijiet li se niehdu hsieb ahna u fuq dan jiena u shabi ma nippretendu xejn minghand il-vendituri."* (fol. 33). Madankollu l-konvenuti ghadhom jinsistu li jigi osservat dak pattwit fil-konvenju, fis-sens li l-att finali m'ghandux jigi pubblikat qabel issehh il-kundizzjoni.

"Kwistjonijiet ohra bejn il-partijiet huma s-segwenti:-

(a) "Hlas ta' imghax fuq is-somma ta' €23,293.73 imhallsa mill-attur Mark Buttigieg akkont tal-prezz lill-konvenut u kif pattwit fl-iskrittura datata 29 ta' Marzu 2004 (fol. 46). Ammont li fil-fehma tal-qorti hu dovut b'effett mid-data ta' l-iskrittura sad-data tal-pubblikazzjoni ta' l-att. Klawzola li fil-fehma tal-qorti hi cara. Min-naha taghhom il-konvenuti ma rnexxielhomx iressqu provi sodisfacenti li ghamlu pagamenti akkont ta' l-imghax. F'dan il-kuntest inghataw verzjonijiet kontrastanti mill-partijiet. Inoltre, skond il-ftehim ma

jirrizultax li kien dovut xi imghax iehor ghal hlasijiet ohra li saru qabel iz-zmien pattwit fil-konvenju, u l-fatt li gie pattwit hlas ta' imghax fuq is-somma fuq imsemmija m'ghandux ifisser li japplika l-istess ftehim fir-rigward tal-pagamenti l-ohra li saru mill-kompraturi (cjoe €34,940.6 fid-29/3/2004 u €11,646.87 fit-22/7/2004).

(b) "Hlas ta' €5,147.91 li l-atturi jsostnu li hallsu akkont tal-prezz fit-18 ta' Ottubru 2004 fi flus kontanti. Ma tressqet l-ebda prova dokumentarja ta' dan. Ghalkemm in-nutar Dr Michael Refalo xehed li ghandu mpressjoni li kien hemm dokument li juru li kien sar dan il-hlas[3], il-qorti ma tistax tiddecidi fuq impressjoni. Inoltre, l-atturi kellhom bizzejjed zmien biex iressqu prova dokumentarja tal-hlas fl-istadju tal-provi taghhom. Fil-fehma tal-qorti f'dan il-kuntest l-atturi ma rnexxielhomx jaghtu prova sodisfacenti li sar dan il-hlas, u d-dubju jimmilita favur il-konvenuti.

"**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tilqa' t-talbiet ta' l-atturi u:-**

**1.** "**Tikkundanna lill-konvenuti jersqu ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' bejgh li bih ibieghu lill-atturi parti diviza mid-dar bla numru li jisimha Cinvic House, Triq tas-Sajd, Nadur, Ghawdex li ghandha kejl ta' cirka erbgha mija u hamsa u tmenin metru kwadri (458mk) bil-benefikati kollha mibnija fuqha u bl-arja libera u franka u konfinanti mit-tramuntana in parti mat-triq u in parti mal-kumplament tal-istess dar proprjeta' tal-konvenuti, punent ma' beni ta' Guzepp Azzopardi u lvant in parti ma' beni ohra tal-konvenuti u in parti ma' beni ta' Lino Camilleri, liema proprjeta' hi murija fi pjanta annessa mal-konvenju tas-26 ta' Jannar 2004[4]. Il-bejgh ghandu jsir taht il-kondizzjonijiet u pattijiet pattwiti fil-konvenju tas-26 ta' Jannar 2004 (fol. 5) eskluza:-**

[3] Seduta tal-14 ta' April 2009.
[4] Ara dokument a fol. 45.

**(a) "Il-kondizzjoni li l-immobbli jkun kopert minn permess ta' bini.**
**(b) "Il-garanzija tal-pacifiku pussess limitatament in kwantu l-fond m'huwiex kopert minn permess ta' bini.**

**"Inoltre l-bilanc tal-prezz li ghadu dovut hu ta' sittin elf hames mija u tlieta u sittin ewro u sebghin centezmu (€60,563.70), liema hlas ghandu jsir dakinhar tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' bejgh.**

2. **"Tordna li l-kuntratt ta' bejgh jigi ppubblikat min-nutar Dr Michael Refalo fil-25 ta' Mejju 2009 f'12.00 p.m. fil-bini tal-qorti.**

3. **"Tinnomina lill-avukat Dr Justyne Caruana bhala kuratrici sabiex tidher ghall-eventwali kontumaci.**

**"Spejjez kollha huma a karigu tal-konvenuti. Salv u mpregudikat id-dritt ta' l-atturi ghall-hlas ta' imghax limitatament fuq is-somma ta' tlieta' u ghoxrin elf mitejn u tlieta u disghin ewro u tlieta u sebghin centezmu (€23,293.73) b'effett mid-29 ta' Marzu 2004[5] sad-data tal-pubblikazzjoni ta' l-att ta' bejgh."**

L-Appell Inċidentali tal-atturi appellati:

L-aggravju tal-atturi fl-appell inċidentali tagħhom huwa fir-rigward tal-bilanċ tal-prezz li hu dovut. L-ewwel Qorti kienet tal-fehma li huma ma rnexxilhomx jagħtu prova li kien sar il-ħlas ta' €5,147.91 iżda huma fl-appell inċidentali tagħhom jispjegaw li kienu ittentaw iressqu din il-prova quddiem l-ewwel Qorti iżda ġew impediti mill-istess u għalhekk flimkien ma' dan l-appell huma annettew kopja tar-riċevuta relattiva fl-ammont ta' Lm2,210 (ekwivalenti għal €5,147).

Rikors għal korrezzjoni:

[5] Ara skrittura datata 29 ta' Marzu 2004 a fol. 46.

Fl-1 ta' Diċembru 2011 l-atturi appellati ppreżentaw rikors li permezz tiegħu talbu lil din il-Qorti tawtorizza żewġ korrezzjonijiet fil-parti konklussiva tal-appell inċidentali tagħhom[6]:

(1) Waħda fir-rigward tal-bilanċ tal-prezz, fejn minħabba żball matematiku, huma talbu li l-bilanċ dovut għandu jkun ta' €65,711.61 minflok ta' €55,415.79, u

(2) l-oħra fir-rigward ta' min kellu jħallas dan il-bilanċ ta' prezz peress li bi żvista indikaw li l-ammont kellu jitħallas mill-konvenuti appellanti minflok minnhom stess (l-atturi appellati).

Fis-6 ta' Marzu 2012 din il-Qorti laqgħet ir-rikors imsemmi u ordnat il-korrezzjonijiet relattivi.

Il-konvenuti appellanti baqgħu ma rrepplikawx skont l-Artikolu 114(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta għall-appell inċidentali tal-atturi appellati.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:**

L-atturi appellati jallegaw li huma kienu effettivament ħallsu s-somma ta' Lm2,210 (€5,147.91) akkont tal-prezz fit-18 ta' Ottubru 2004 u jispjegaw li r-riċevuta għal din is-somma kienet fil-pussess tan-Nutar Dr Michael Refalo pero` dan ma ġabhiex miegħu dak in-nhar li tela' jixhed fis-seduta tal-14 ta' April 2009.

*Provi fir-rigward ta' dawn l-Lm2,210:*

Fl-4 ta' Marzu 2009 l-attur Mark Buttigieg, xehed li mill-prezz patwit hu u sħabu kienu ħallsu lill-konjuġi Hili s-somma ta' Lm54,500. Huwa spjega li għalkemm kienu għamlu diversi pagamenti lil Victor Hili permezz ta' ċekkijiet, "*Kien hemm pero` okkażjoni cioe` tmintax (18) ta' Ottubru elfejn u erbgħa (2004) illi jiena ħallastu s-*

[6] Inċidentalment anke f'dan ir-rikors għal korrezzjoni ħadu żball ieħor għaliex indikawh bħala "Rikors tal-konvenuti appellati …." minflok "Rikors tal-atturi appellati….".

*somma ta' elfejn mitejn u għaxar liri Maltin (Lm2,210) akkont tal-prezz fi flus kontanti*".[7]

Fl-<u>10 ta' Marzu 2009</u> l-attur Mark Buttigieg kien ippreżenta affidavit spjegattiv[8] li fih iddikjara li kienu ħallsu lill-konvenuti s-somma ta' <u>Lm51,210</u>[9], li minnhom Lm47,210 kienu tħallsu f' ħames rati quddiem in-Nutar Michael Refalo. Anness ma' dan l-affidavit hemm dokument[10] iffirmat mill-istess Nutar Michael Refalo li jiċċertifika li dan l-ammont ta' Lm47,210 tħallas permezz ta' ħames pagamenti:

| | |
|---|---|
| 26.01.2004 | Lm15,000 (€34,940.60) |
| 29.03.2004 | Lm15,000 (€34,940.60) |
| 29.03.2004 | Lm10,000 (€23,293.73) |
| 22.07.2004 | Lm 5,000 (€11,646.87) |
| 18.10.2004 | Lm 2,210 (€ 5,147.92) |

Fl-<u>14 ta' April 2009</u> in-Nutar Michael Refalo ittella' jixhed u ġie muri r-rendikont tal-ħlasijiet li saru kif iffirmat minnu. Fir-rigward tas-somma ta' Lm2,210 xehed hekk:

"*B'referenza għall-pagament ta' elfejn, mitejn u għaxar liri Maltin (Lm2,210) pagament illi skont ir-rendikont sar fit-tmintax (18) ta' Ottubru elfejn u erbgħa (2004), din l-informazzjoni għandi l-impressjoni li ħadtha minn skrittura li nkitbet personalment minni u li ġiet iffirmata mill-partijiet. L-iskrittura li qed nagħmel riferenza għaliha hi forma ta' riċevuta.*"

Fl-istess seduta tal-14 ta' April 2009 pero`, xehed il-konvenut Victor Hili u ċaħad li Mark Buttigieg qatt għaddielu s-somma ta' Lm2,210 fi flus kontanti:

"*Jiena nikkonferma li flus kontanti Mark Buttigieg qatt ma tani. Lili dejjem ħallasni permezz ta' ċekkijiet. Nikkonferma wkoll illi mingħand Mark Buttigieg jiena qatt ma rċevejt xi somma viċin is-somma ta' elfejn u mitejn u*

---

[7] Fol. 33.
[8] Dok MB, fol. 47.
[9] Mhux ta' Lm54,000 kif kien xehed fl-4 ta' Marzu 2009.
[10] Dok. MB01, fol. 48.

*għaxar Liri Maltin (Lm2,210) li jiena nispjega li hi somma żgħira ħdejn il-pagamenti l-oħra li kien għamel Mark Buttigieg…..Jiena nibqa' ninsisti illi s-somma ta' elfejn u mitejn u għaxar Liri Maltin (LM2,210) fi flus kontanti qatt ma ngħatat lili.*"[11]

L-atturi appellati fl-appell inċidentali tagħhom jilmentaw illi f' dik l-istess seduta kienu offrew li jakkwistaw kopja tar-riċevuta fir-rigward tal-Lm2,210 mingħand in-Nutar u jippreżentawha huma stess bħala prova iżda l-ewwel Qorti ċaħdet din it-talba minkejja li d-dokument li xtaqu jippreżentaw ma kienx f' idejhom qabel dak l-istadju u minkejja li kien dokument li rrefera għalih ix-xhud (li ma kienx prodott minnhom iżda mill-konvenuti) iżda ma ġabux miegħu. Għalhekk iħossuhom aggravati bil-fatt li l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata qalet li huma ma rnexxilhomx jippruvaw sodisfaċentement li sar dan il-ħlas meta hija stess irrifjutat li tippermettilhom iġibu din il-prova appena saret aċċessibbli għalihom.

Din il-Qorti tosserva li jekk l-ewwel Qorti caħditilhom it-talba li jippreżentaw ir-riċevuta fir-rigward tal-ħlas ta' Lm2,210 dan ma jirriżultax mill-verbal tal-14 ta' April 2009. Fi kwalunkwe każ, l-argument tagħhom li dan id-dokument ma kienx f' idejhom qabel dak l-istadju u li n-nutar kien prodott mill-konvenuti u mhux minnhom, u li dan id-dokument kien wieħed li rrefera għalih in-nutar iżda ma ġabux miegħu, huwa wieħed fjakk għall-aħħar. Din il-Qorti hija tal-fehma li huwa nuqqas tagħhom li sa dak l-istadju ma ħadux ħsieb li jkollhom f' idejhom id-dokumenti kollha rilevanti biex jippruvaw it-talba tagħhom[12]. Huwa rrilevanti jekk in-nutar kienx xhud tagħhom jew le. Kien fl-interess tagħhom li jakkwistaw kopja tar-riċevuta tal-ħlas tal-Lm2,210 u dan messhom għamluh indipendentement mix-xiehda tan-nutar. Hekk kif dehrilhom li kellhom jippreżentaw kopja taċ-ċekkijiet biex jippruvaw li saru l-pagamenti l-oħra elenkati fir-rendikont tan-nutar (Dok MB01), hekk ukoll messhom raw kif għamlu u ottjenew

[11] Fol. 67.

[12] Fir-rikors tal-kawża tagħhom huma allegaw li ħallsu l-prezz kollu għax-xiri tal-immobbli premess, imbagħad fil-mori tal-kawża jirriżulta li kien għad fadal bilanċ x'jitħallas.

kopja tar-riċevuta fir-rigward tal-ħlas ta' Lm2,210 f' kontanti, sabiex dan l-ammont kif indikat fuq ir-rendikont ikun ukoll pruvat.

L-atturi appellati flimkien mal-appell inċidentali tagħhom annettew vera kopja tar-riċevuta in kwistjoni, a tenur tal-Artikolu 145[13] tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.[14] Fuqha hemm miktub hekk:

*"18.10.2004*
*Niddikjara li qiegħed nirċievi s-somma ta' Lm2,210 akkont tal-prezz."*

Taħtha tidher il-firma ta' Victor Hili.

Minkejja li l-konvenuti appellanti Victor u Cynthia Hili kienu notifikati bl-appell inċidentali u b'din il-vera kopja tar-riċevuta, huma ma ppreżentaw l-ebda replika u ma tirriżulta l-ebda oġġezzjoni fir-rigward tal-produzzjoni ta' dan id-dokument jew kontestazzjoni fir-rigward tal-kontenut tiegħu. Fid-dawl ta' din il-prova din il-Qorti jidhrilha li jkun ġust li l-ammont ta' Lm2,210 (€5,147.91) jitnaqqas mill-bilanċ dovut.

Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell inċidentali u tiddikjara li mill-ammont ta' €60,563.70 li skont l-ewwel Qorti għadu dovut mill-atturi appellati lill-konvenuti appellanti, għandha titnaqqas is-somma ta' €5,147.91 u b'hekk tikkundanna lill-istess atturi appellati jħallsu s-somma ridotta ta' **€55,415.79**.

Fir-rigward tal-ispejjeż dawn għandhom jitħallsu kif ġej:

(1) peress li l-<u>appell prinċipali</u> ġie deżert, l-ispejjeż tiegħu għandhom jitħallsu mill-konvenuti appellanti;

(2) peress li l-<u>appell inċidentali</u> seta' jiġi evitat li kieku l-atturi appellati ndenjaw ruħhom jippruvaw il-ħlas ta'

[13] Artikolu 145: "*Mar-rikors, mat-tweġiba u mar-replika għandhom jinġiebu d-dokumenti li jkunu jsaħħu t-talbiet tal-wieħed jew l-eċċezzjonijiet tal-ieħor.*"
[14] Dok X, fol. 23 tal-atti tal-appell odjern.

Lm2,210 fi stadju aktar bikri tal-proċeduri, l-ispejjeż tiegħu għandhom jitħallsu mill-istess atturi appellati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------